MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2015

Appell Civili Numru. 2/2013

**Seduta tad-29 ta' Lulju 2015**

**Appell Numru: 2/2013**

**Walter Camilleri**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta Soċjali**

Il-Qorti,

Rat id-decizjoni tal-5 ta' Dicembru 2012, fejn l-Arbitru ippronunzja s-segwenti decizjoni:

*"L-Arbitru,*

***Ra l-appell***

***Ra r-risposta***

***Ikkunsidra***

*Illi b'ittra datata 1 ta' April 2010, l-appellant intalab jirrifondi s-somma ta' €15,637.79 mhallsa zejda f'ghajnuna ghal disimpjieg billi ma kienx qed jifforma familja ghal rasu u/jew jabita fl-indirizz minnu moghti.*

*Illi gie interpost appell b'ittra datata 26 ta' April, 2010.*

*Illi d-Dipartiment rrisponda b'ittra datata 14 ta' Gunju, 2011.*

*Illi d-Dipartiment tal-Frodi u Investigazzjoni dwar Beneficcji kellu jinvestiga lill-appellant biex jivverifika kienx qed jabita f'indirizz minnu moghti. Wettqu spezzjonijiet fl-20 ta' Jannar 2010, 23 ta' Jannar 2010 u 27 ta' Jannar 2010 f'hinijiet differenti izda b'ezitu negattiv. Fid-29 ta' Jannar 2010 f'hinijiet differenti tkellmu ma' girien li infurmawhom li kienu ilhom zmien ma jarawh fl-akkwati taghhom.*

*Fid-29 ta' Frar 2010 huma ltaqghu mieghu meta hareg mill-ufficju distrettwali dakinhar tar-registrar. Huwa kkonferma maghhom li kien ilu li telaq mir-residenza f'Hat-Attard ghal aktar minn tlett snin u kien jirrisjedi jew f'propjeta' tieghu x-Xemxija jew mas-siehba tieghu fir-Rabat Malta. Ikkonferma ukoll li kellu redirection of post fuq l-indirizz tax-Xemxija.*

*Huwa pproduca bhala xhieda lill-Ispettur Dennis Theuma u bhala gar lil Matthew Micallef. Dawn ikkonfermaw li kellu disgwid u inkwiet u glied minn certu gar tieghu bl-isem ta' Philip Camilleri. Is-siehba tieghu Felicity Muscat ikkonfermat li kien iqatta' zmien fil-propjeta tieghu f'Hat-Attard, fix-Xemxija u anke ghandha fir-Rabat – Malta.*

*Dawn it-tlett xhieda prodotti minnhu stess jikkonfermaw t-tezi tad-Dipartiment li l-appellant ma kienx qed jirrisjedi fl-indirizz minnhu mghoti u dana ghal zewg ragunijiet.*

***L-ewwel -*** *huwa kellu disgwid/inkwiet ma gar tieghu –konfermat mill-ispetturi u l-gar.*

***It-Tieni*** *– kien iqatta' il-hin tieghu mal-habiba f'postijiet differenti.*

*Ex admissis in-nuqqas ta' residenza giet minnhu affermati a tempo vergine dakinhar li gie rinfaccjat mill-Ispetturi tad-Dipartiment tal-Frodi u Investigazzjoni dwar Beneficcji. Biddel il-verzjonijiet ta' wara l-akkadut. Huwa ma kienx instab f'indirizz minnhu moghti fis-sieghat bekrin ta' filghodu.*

*Huwa ma kienx qed jirrisjedi b'mod permanenti u regolari fl-indirizz ta' Hat-Attard.*

*L-appell ma jistax jigi milqugh."*

Illi mill-atti probatorji johrog illi l-appellanti kien jircevi l-Ghajnuna ghal dizimpjieg. Illi din l-ghajnuna giet lilu imwaqqfa billi minn investigazzjoni li saret mill-Ispetturi ghal Frodi ta' Beneficcji u Investigazzjonijiet irrizulta illi l-appellanti ma kienx ghadu qed jirrisjedi fl-indirizz minnu moghti lid-Dipartiment u cioe' fl-indirizz 9, Highfield, Triq in-Nutar Zarb, Attard u dan ghall-ahhar tlett snin mid-data ta'l-ispezzjoni.

Ghaldaqstant id-Direttur appellat ma setax ikun sodisfatt illi l-appellanti kien ghadu qed jifforma familja ghal rasu u/jew li ghadu qed jabita fl-indirizz moghti lid-Dipartiment u tallbu jirrifondi il-flus lilu imhallsa mis-sena 2006.

Mill-lnvestigation Report imhejji wara diversi spezzjonijiet li saru fl-20 ta' Jannar 2010, fit-23 u fis-27 ta' Jannar 2010, jirrizulta li meta l-ispetturi zaru r-residenza ta' l-appellanti huwa ma kienx hemm. Fid-29 ta' Jannar imbaghad huma tkellmu ma' xi girien li infurmawhom illi kienu ilhom zmien ma jaraw lill-appellanti. Fit-22 ta' Frar 2010, l-ispetturi irnexxilehom ikellmu lill-appellanti fl-ufficju distrettwali ta' Hal Balzan meta huwa kien imissu imur sabiex jirregistra fejn huwa ammetta maghhom illi kien ilu madwar tlett snin ma jabita gewwa H'Attard. Fil-fatt infurmhom illi huwa kien ighix gewwa x-Xemxija u gewwa ir-Rabat flimkien mas-siehba tieghu. Kompla ighid illi id-dar f'H'Attard kienet vojta u sahansitra kienet ghal bejgh. Irrizulta ukoll illi sa mis-16 ta' Dicembru 2006 l-appellanti kien ghamel *re-direction of mail* mal-Maltapost ghar-residenza tax-Xemxija. Meta imbaghad iressaq l-appell tieghu quddiem l-Arbitru, l-appellanti jichad dan kollu u jishaq illi huwa ghadu qed jirrisjedi gewwa r-residenza tieghu f'H'Attard. Jikkontendi illi huwa kien ghamel perijodu zghir nieqes minn dan il-fond peress illi kellu disgwid mal-gar tieghu u ghalhekk hass li kellu jallontana ruhu ghal xi zmien.

Illi wara illi sema ix-xhieda prodotti mill-kontendenti, l-Arbitru ikkonferma id-deċiżjoni tad-Direttur  u dan ghaliex fid-diskrezzjoni tieghu kien sodisfatt illi l-appellanti ma kienx ghadu joqghod fl-indirizz moghti minnu lid-Dipartiment.

Ir-rikorrenti appellanti ħassu aggravat minn din id-deċiżjoni peress ill dehrlu li l-Arbitru ghamel apprezzament zbaljat tal-provi. Dan ghaliex l-assenza temporanja ta'l-appellanti mill-indirizz tar-residenza tieghu ma kellux jammonta ghal dekadenza mid-dritt tieghu ghal previdenza socjali. Illi kien hemm raguni gustifikata 'il ghala kien hemm din l-assenza temporanja tieghu kif ukoll ir-*redirection of mail* u dan minhabba disgwid li huwa kellu mal-gar tieghu kif irrizulta mix-xhieda imressqa minnu quddiem l-Arbitru.

**"…. illi l-presunzjoni relattiva tikkonfigura deroga ghal principju generali tat-tqassim ta' l-oneru tal-provi in kwantu tirrendi agevoli l-posizzjoni processwali ta' wahda mill-partijiet. Ara f' dan il-kuntest l-Artikolu 1234 tal-Kodici Civili. Taht dan l-aspett il-presunzjoni legali iuris tantum tassumi, in kwantu ghar-regolamentazzjoni tal-piz tal-prova, funzjoni diversa minn dik statwita fl-Artikolu 562 tal-Kapitolu 12; Addizzjonalment, imbaghad, ta' min jissottolineja illi, anke fil-qafas ta' presunzjoni legali relattiva, mhux necessarjament u bilfors illi certu fatt ghandu jitqies veru ghax sempliciment dedott minn fatt iehor.**

**… Jikkonsegwi, logikament, illi l-presunzjoni legali relattiva ut sic ma tikkontribwix ghal formazzjoni tal-konvinciment ta' min hu msejjah biex jarbitra fuq il-fattispeci izda sempliciment tistabilixxi certa ripartizzjoni ta' l-oneru talprova in kwantu tikkonsidra bhala sussistenti (dejjem salv il-prova kuntrarja) elementi determinati ta' fatt li mieghu hu allaccjat certu effett guridiku. Xejn anqas u xejn izjed. Hekk allura meta l-presunzjoni iuris tantum tghabbi fuq spallejn min hu gravat li jressaq il-prova kuntrarja, il-prova hekk sottoposta trid necessarjament tigi valutata mill-arbitru jew mill-gudikant fil-kwadru globali tal-provi, u jekk tali prova tinsab li hi wahda adegwata biex tikkontrobatti l-presunzjoni, ma hemm xejn x' izomm lil min irid jiddeciedi milli, fil-liberu konvinciment tieghu, jakkolji l-prova kuntrarja**

**Il-kwestjoni finalment titraduci ruhha ghal wahda tal-valutazzjoni tar-rizultanti ottenuti mill-provi. Apparti l-kaz tal-prova legali, fl-ordinament procedurali taghna**

**quddiem qorti jew kwalsiasi tribunal iehor, il-valutazzjoni tal-materjal probatorju hi dejjem wahda bazata fuq dik tal-konvinciment liberu. F' dan l-ezercizzju, naturalment, jassumu importanza qawwija l-gudizzju tal-verosimiljanza u dik ta' l-attendibilita` tax-xhieda." – 12/06 Appell Inferjuri**

Stabbiliti dawn il-principji guridici dwar l-oneru tal-prova u tal-valutazzjoni taghhom, jidher illi fil-kaz in inspecje l-Arbitru li kellu l-opportunita jisma' ix-xhieda *viva voce* u jixtarr il-provi migjuba mill-kontendenti, dehrlu fil-valutazzjoni minnu maghmula illi jaghti piz lill-provi imressqin mid-Direttur appellat ghaliex kien tal-fehma illi mill-provi imressqa mill-appellat huwa ma irnexxielux jeghleb dak stabbilit mid-Direttur fl-investigazzjoni minnu maghmula. Illi l-Qorti ma tara l-ebda raguni 'il ghala ghandha tiddipartixxi mil-fehma raggunta mill-Arbitru, iktar u iktar fid-dawl ta dak mistqarr mill-appellanti lill-ispetturi *a tempo vergine* fejn *ex admissis* ighid illi huwa mar ighix mas-siehba tieghu gewwa r-Rabat u kultant joqghod fir-residenza tieghu gewwa ix-Xemxija tant illi anke kien qed jipprova isib il-bejgh tad-dar tieghu f'H'Attard.

"**Imperanti l-komportament tal-korrettezza u tal-bwona fede, sija fl-interess proprju kif ukoll b'salvagwardja ghall-interessi tal-kontraenti l-iehor. In-nuqqas ta' l-osservanza ta' komportament bhal dan igib b'konsegwenza illi l-parti fi htija tista' ssib ruhha f'qaghda fejn id-dritt taghha ma jibqax aktar tutelat. Mhux dan biss, ghax ukoll il-kondotta negattiva taghha tista' tkun soggett ta' sanzjoni. …. L-osservanza tal-ligi hi haga altament desiderabbli u kull beneficjarju li jircievi l-assistenza mill-gid tal-kollettivita` ghandu jifhem li s-skiet u n-nuqqas ta' kolloborazzjoni tieghu ghandhom il-limiti taghhom u, anzi, jitraducu ruhhom f'dannu ghalih[1].**"

[1] (5 ta' Marzu, 2010 Appell Civili Numru. 16/2009 Julie Vassallo vs Direttur tas-Sigurta` Socjali. Ara ukoll Tania Galea vs Direttur tas-Sigurta` Socjali Qorti tal-Appell tat-13 ta' April, 2011 Appell Civili Numru. 20/2010)

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi ikkonfermata.

L-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------